**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2014**

# *Karta Mudell*

**1**

L-Oral

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-tema li huma jagħżlu dak il-ħin. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw b'vuċi għolja s-silta kollha. Wara, il-kandidati jisimgħu lill-eżaminatur jaqralhom darba biss silta oħra u jistaqsihom il-mistoqsijiet fuq dak li jisimgħu. Imbagħad jgħaddu għad-diskussjonijiet. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-Karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (2 marki)
**Il-kandidati jaqraw b'vuċi għolja s-silta li għandhom quddiemhom (minuta).**

Frar mimli tempesti, riħ, u sajjetti. Ir-riħ jissokta jwaqqa' l-ftit weraq li jkun baqa' fuq is-siġar, u jagħmel żifna bihom fil-btieħi, fil-pjazez, u fuq iz-znieter… Il-weraq li jaqa' jistrieħ mal-art, jintrifes, jinġarr, jinkines, jinġabar, jinħaraq, u jsir trab ifuħ, jew jinten skont kif tħossok int.

Il-weraq mhux dejjem jiċċassa, bla ħajja. Xi minn daqqiet jaqbdu r-riħ u jtellgħu qisu f'bandla donnu se jerġa' jeħel mas-siġra… Ir-riħ jilgħab mal-weraq bħal qattus ma' ġurdien. U l-weraq jilgħab miegħu: idur, jiżfen, u jistaħba.

(80 kelma: silta adattata minn *Sagħtar*, Frar 2011)

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (5 marki)
(*Din tkun għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat*)
**Il-kandidati jisimgħu lill-eżaminatur jaqralhom darba biss s-silta magħżula għas-smigħ u jistaqsihom il-mistoqsijiet fuqha – kull mistoqsija tingħad darbtejn. Il-kandidati ma jkollhomx is-silta u l-mistoqsijiet quddiemhom: jisimgħuhom biss. (sitt minuti)**

Rejkjavik hija l-belt kapitali tal-Iżlanda, stat-gżira bħal Malta, u li għandu forma ta' ħuta kbira ċatta. Hemm kważi jieqaf ix-xebh, għaliex waqt li l-Iżlanda hija gżira kbira ħafna, għandha popolazzjoni ħafna iżgħar minn tagħna. Xebh ieħor magħna huwa li, bħall-Belt kapitali tagħna, Rejkjavik hija wkoll port. Anzi, isem din il-belt ifisser "il-port li jdaħħan". Dan l-isem ma jfissirx li Rejkjavik hija mimlija dħaħen tat-traffiku jew ta' ħafna fabbriki. Xejn minn dan. L-Iżlanda hija gżira kbira fil-Majjistral tal-Ewropa u sas-seklu 9 W.K. ma kienx hemm nies joqogħdu fiha. L-ewwel nies li marru hemm... raw ħafna duħħan abjad... minħabba l-vulkan attiv tagħha.

(100 kelma: silta adattata minn *Sagħtar*, Frar 2011)

Il-mistoqsijiet: agħżel it-tajba.

1. Rejkjavik għandha forma ta' (a) ħuta żgħira, (b) ħuta kbira ċatta, (ċ) ħuta stramba.
2. Rejkjavik hija (a) port, (b) gżira, (ċ) kontinent.
3. Malta għandha popolazzjoni (a) daqs, (b) inqas, (ċ) ikbar mill-Iżlanda.
4. Rejkjavik tfisser "il-port li jdaħħan" minħabba (a) li hemm ħafna egżost tat-traffiku, (b) li hemm ħafna ċmieni tal-fabbriki, (ċ) li hemm vulkan attiv.
5. L-Iżlanda hija gżira (a) fil-Majjistral, (b) fil-Lbiċ, (ċ) fil-Grigal tal-Ewropa.

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**Waqt il-ħin preparatorju, il-kandidati jagħżlu tema kurrenti u tema kulturali minn dawn ta' hawn taħt biex jiddiskutuhom mal-eżaminatur (erba' minuti + erba' minuti).**

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti: (4 marki)

● ix-xiri

(*Għaliex bosta nies iħobbu jixtru ħafna? In-nies meta jixtru l-aktar? Liema huma l-postijiet l-aktar magħrufa għax-xiri f'Malta/Għawdex? Meta jkun hawn ħafna xiri fil-pajjiż, xi jfisser?*)

JEW

● iż-żgħożija

(*Fil-poeżija, iż-żgħożija titqies bħala żmien ħelu; għalik huwa żmien ħelu? Kif tista' tiddeskrivih dan il-perjodu? X'tista' tagħmel biex dan iż-żmien ma taħlihx?*)

(*Nota fuq il-mistoqsijiet ta' għajnuna: il-mistoqsijiet qegħdin għall-eżaminatur biss; l-eżaminatur mhux bilfors jistaqsi dawn il-mistoqsijiet kollha; din trid tkun diskussjoni, jiġifieri mistoqsija waħda taf tkun biżżejjed biex tqanqal diskussjoni bejn il-kandidat u l-eżaminatur.*)

### (b) Diskussjoni fuq tema kulturali: (4 marki)

● il-bilingwiżmu

(*Għaliex għandna bżonn aktar minn lingwa waħda f'pajjiżna?*)

JEW

● Ġużè Aquilina

(*X'kien is-sehem ta' Ġużè Aquilina fl-iżvilupp tal-Malti?*)

(*Nota fuq il-mistoqsija ta' għajnuna: din qiegħda għall-eżaminatur biss u dan għandu jibni fuq dak li jwieġeb il-kandidat sabiex titqajjem diskussjoni bejniethom.*)

**L-Eżami tal-Kitba (Il-Lingwa)**

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**IL-MALTI**
**MEJJU 2014**

# *Karta Mudell*

L-Ewwel Karta

**Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.**
**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi, u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## L-EWWEL TAQSIMA

**Il-Komponiment** **(25 marka)**
Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:

a. Il-pjazza tar-raħal.
b. Il-kompjuter ngħaddu mingħajru?
ċ. Esperjenza li nibqa' niftakarha.
d. Ikteb intervista li għamilt lil kittieb/a famuż/a li żar/et l-iskola tiegħek f'Jum il-Ktieb. Lil min tintervista jrid jispjega kif iqatta' ħinu fir-riċerka u fil-kitba.

## IT-TIENI TAQSIMA

**Fehim it-Test** **(36 marka)**
*Aqra sewwa din is-silta mbagħad wieġeb fi kliemek il-mistoqsijiet fuqha:*

Kull parroċċa f'Malta torganizza l-festi tal-qaddis patrun tal-lokal u ħafna drabi anki festi sekondarji ta' qaddisin oħra meqjuma fir-raħal jew belt. Żgur li f'kull parroċċa ssib tal-anqas festa waħda li fiha jiġu organizzati ċelebrazzjonijiet kbar sew fil-Knisja kif ukoll fit-toroq tal-lokal.

Il-festi interni jikkonsistu minn diversi ċelebrazzjonijiet ġewwa l-knisja, u l-iktar importanti jkunu dawk tal-ġimgħa tal-festa meta allura se ssib quddiesa tal-ħruġ tal-vara min-niċċa, kif ukoll il-quddies tat-tlett ijiem tat-tridu (li jiġu tlett ijiem qabel l-aħħar jumejn tal-festa). Naturalment ma jistgħux jonqsu ċelebrazzjonijiet solenni u maestużi fil-quddies ta' lejlet il-festa u ta' nharha.

Matul iċ-ċelebrazzjonijiet interni jiġi nnutat it-tiżjin tal-knisja. F'diversi parroċċi, l-iktar dawk antiki, it-tiżjin tal-Knisja jittieħed b'serjetà kbira. Gruppi ta' volontarji, ħafna drabi żgħażagħ, tarahom sa minn żmien qabel il-festa jgħinu lis-sagristan biex joħroġ id-damask prezzjuż u dekorazzjonijiet imprezzabbli oħra li mhux biss isaħħru lil kulħadd bil-ġmiel iżda wkoll huma xhieda tad-devozzjoni lejn il-Knisja Qaddisa Kattolika. Gruppi ta' żgħażagħ dilettanti tarahom jgħaddu sigħat inaddfu u jpoġġu dawn l-oġġetti f'posthom u f'qasir żmien il-knisja ssir qisha binja tal-ħolm – palazz dehen biex joqgħod fih ħadd inqas minn Alla nnifsu. Għaż-żgħażagħ dan it-tiżjin iservihom ukoll biex jingħaqdu flimkien bħala grupp.

Iż-żgħażagħ illum huma l-iktar fattur importanti tal-festi. F'dawk l-irħula fejn qed tingħata responsabbiltà liż-żgħażagħ tara tibdil fil-mentalità, għax minflok li l-każini jibqgħu "għedewwa" ta' xulxin issa qed isiru rivali u jikkompetu flimkien biex jagħmlu l-isbaħ festa possibbli, u mhux ikissru lil xulxin u jispiċċa ma jieħu pjaċir ħadd.

Illum iż-żgħażagħ huma ħafna iktar <u>miftuħin għall-ideat</u> u f'parroċċi fejn hemm rivalità qawwija xorta tara kumitati taż-żgħażagħ minn każini differenti jiltaqgħu flimkien u jiftiehmu bejniethom fuq diversi attivitajiet. F'ħafna każi ssib liż-żgħażagħ jagħtu eżempju xieraq lill-adulti tal-kumitati u mhux bil-maqlub. Meta, sfortunatament, jinqala' l-inkwiet bejn partitarji ta' każini differenti normalment ikun kaġun ta' xi ħadd li mhux tassew jinteressah mill-festa imma jmur biss darba fis-sena biex jitkessaħ u jispiċċa kulħadd jeħilha miegħu. Id-dilettanti tal-festi ta' veru ma jfittxux ġlied, anzi, ifittxu l-għaqda fil-parroċċa għax jafu li b'hekk biss jistgħu jiċċelebraw kif jixraq mingħajr inkwiet. Huma jweġġgħu ħafna meta wara dak ix-xogħol kollu li jkunu ħadu matul is-sena kollha jiġi xi ħadd irresponsabbli u fi ftit ħin iħarbat kollox bl-istupidaġni tiegħu.

It-tradizzjoni tal-festi, sew dawk interni kif ukoll dawk esterni, baqgħet sħiħa fil-maġġoranza tal-parroċċi Maltin, minkejja li <u>ż-żmien ħalla t-timbru tiegħu</u> wkoll. L-ikbar theddida li għandhom dawn il-festi, ironikament, ġejja minn ħutna Maltin oħra li ma japprezzawx ix-xogħol li jagħmlu eluf ta' volontarji biex iġibu 'l quddiem dawn il-festi.

(Silta adattata mill-kitba ta' Kevin Bonello, "Il-Festi u ż-Żgħażagħ", *Sagħtar*, 2006)

## 2. Mistoqsijiet

*Wieġeb kull mistoqsija FI KLIEMEK. Jitnaqqsu l-marki jekk it-tweġibiet ikunu kkuppjati kelma b'kelma mis-silta.*

(2 marki kull mistoqsija)

1. Semmi b'liema modi tiġi ċċelebrata l-festa tal-parroċċa?
2. Kif tidher id-dedikazzjoni ta' ċerti żgħażagħ fi żmien il-festa?
3. X'inhu l-effett pożittiv fuq iż-żgħażagħ b'riżultat tas-sehem tagħhom?
4. Għaliex taħseb li sehem iż-żgħażagħ fil-festi sar importanti?
5. Xi tkun ir-raġuni tal-inkwiet li kultant jinqala' bejn partitarji ta' każini differenti?
6. Xi rridu nagħmlu biex il-festi jibqgħu b'saħħithom fil-kultura tagħna?

**3. Għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha**

a. *Fisser fi kliemek il-kliem b'sing taħtu skont is-sens tas-silta.* (6 marki)

1. ċelebrazzjonijiet solenni u maestużi
2. miftuħin għall-ideat
3. iż-żmien ħalla t-timbru tiegħu wkoll

b. *Liema kelma jew frażi fis-silta għandha din it-tifsira?* (4 marki)

1. avversarji (mir-raba' paragrafu)
2. b'nuqqas ta' għaqal (mill-ħames paragrafu)

**4. Grammatika** **(14-il marka)**

*Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.*

Skoperta importanti ħdejn il-Baħar il-Mejjet

Fl-1947, ġo għar fl-inħawi ta' Qumran, il-Palestina (illum dawn l-inħawi huma okkupati minn Iżrael), saret waħda mill-akbar skoperti fl-oqsma tal-arkeoloġija u tal-istudji bibliċi. Waqt li tliet bedwini kienu qed jirgħu l-merħla tagħhom fid-deżert, wieħed minnhom tefa' ġebla f'għar u sema' xi fuħħar jinkiser. Muhammed edh-Dhib u sieħbu marru jaraw x'kien hemm ġo dan l-għar għax ħasbu li seta' kien hemm xi ħaġa prezzjuża moħbija fil-ġarar tal-fuħħar li semgħu jinkisru. Meta niżlu ġol-għar skoprew ħafna ġarar, u ġo waħda minnhom sabu manuskritti tal-parċmina miktubin bil-Lhudi.

(Adattata minn "Il-Manuskritti tal-Baħar il-Mejjet" ta' *Dennis Mizzi*)

a. Oħroġ l-għerq minn *jinkisru* u mbagħad oħroġ il-ħames forma. (2)
b. Agħti s-singular ta' *nħawi*. (1)
c. Oħroġ iz-zokk minn *prezzjuża* u mbagħad nissel verb. (2)
d. Sib u ikteb parteċipju passiv. (1)
e. Sib u ikteb plural miksur. (1)
f. Sib u ikteb plural sħiħ. (1)
g. Sib u ikteb nom mimmat. (1)
h. Sib u ikteb verb moħfi. (1)
i. Sib u ikteb aġġettiv superlattiv. (1)
j. *Ġebla* hija singular; il-kollettiv huwa ... (1)
k. Oħroġ l-għerq minn *moħbija* u mbagħad nissel verb tal-għaxar forma. (2)

## IT-TIELET TAQSIMA

**5. Rapport**

*Wieġeb mistoqsija WAĦDA:* **(12-il marka)**

a. Grupp ta' kantanti famużi fuq livell internazzjonali ġew Malta u taw kunċert kbir. F'madwar 80 kelma ikteb rapport dwar dan l-avveniment memorabbli.

JEW

b. Saret sejba kbira ta' għadd ta' oġġetti tal-fuħħar ta' valur storiku waqt li kien qed isir tħaffir għal bir f'dar privata. Ikteb rapport ta' madwar 80 kelma dwar dan.

## IR-RABA' TAQSIMA

**6. Ittra**

*Wieġeb mistoqsija WAĦDA:* **(12-il marka)**

a. Inti għadek kif sirt taf li ħabiba jew ħabib tal-qalb tiegħek ser titlaq/ jitlaq mid-dar biex tmur tgħix għal rasha /imur jgħix għal rasu. Iktbilha /iktiblu ittra ta' madwar 80 kelma biex tiftħilha għajnejha /tiftaħlu għajnejh għal liema responsabbiltajiet dieħla /dieħel.
Ismek: Rita / Ronnie (Borg)
Indirizz tiegħek: 45, Triq il-Fawwara, Ħal Millieri, ĦML1058.

JEW

b. Ikteb ittra elettronika ta' madwar 80 kelma lis-Sindku tal-lokal tiegħek fejn tagħmillu talba biex fis-sajf li ġej jorganizza attivitajiet rikreattivi għaż-żgħażagħ kollha li jgħixu fl-istess lokalità. Issuġġerilu xi attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati.
Ismek: Joseph /Josephine Camilleri
Indirizz elettroniku tiegħek: jcam@zghazagh.org
Indirizz elettroniku tal-Kunsill Lokali: sindku@kunsillokali.org

**L-Eżami tal-Kitba (Il-Letteratura)**

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**IL-MALTI**
**MEJJU 2014**

# *Karta Mudell*

**It-Tieni Karta A**

**Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.**
**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi, u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## L-EWWEL TAQSIMA
**Poeżija**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**

**Agħżel poeżija WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.**

*1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:* **(20 marka**)

**Aqta' Fjura u Ibni Kamra -** Immanuel Mifsud

Aqta' fjura u ibni kamra;
Aqla' siġra u tella' dar;
Imxi metru, ibni villa;
Tinkwetax...dak li sar sar.

Mur pass ieħor u ibni torri;
Itla' fl-għoli, miss is-sħab;
Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,
Kulma ħlejt kien naqra trab.

Dur mal-kosta, fittex rokna;
Arma boathouse fuq il-blat;
Anki 'l-baħar agħmel tiegħek
U ħallik mill-pixxispad.

Tagħtix kas li l-baħar tiela' –
Itla' fl-għoli anki int:
Bnejt it-torri, itla' fuqu,
Ibda gawdi dak li ħdimt.

Issa isma' x'qed jgħidulek:
Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.
Hemm ftit metri ħdejn il-villa,
Li kont minnek nibni pool.

U jaqbillek tinsa l-baħar
Għax mid-dehra tah tal-qamar:
Tmurx fix-xemx u tmurx fid-dlam
Għax imtela tilja bram.

Aqta' fjura u ibni kamra.
Jiena nifhem: 'tini widen;
Meta mbagħad tkun lest minn kollox,
Ħu nifs qawwi u mur indifen.

*Wieġeb***:**

a. Ikteb fil-qosor dwar is-sentiment ta' rabja u ta' protesta li jinħass matul din il-poeżija. (5 marki)
b. Agħti eżempji ta' kliem ironiku mit-tielet strofa u uri kif l-ironija qiegħda twassal tifsira differenti mill-kliem li qiegħed jingħad. (4 marki)
ċ. Iddeskrivi l-paralleliżmu li jinsab bejn l-istqarrijiet tal-ewwel strofa. (3 marki)
d. Uri fejn hemm paradoss fl-aħħar strofa. (3 marki)
e. Il-poeżija fiha apostrofi mill-bidu sal-aħħar. Lil min taħseb li qiegħed jindirizza l-poeta, u għaliex? (5 marki)

2. *Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:* **(20 marka)**

**Quo Vadis? -** Rużar Briffa

Weħidha
Fuq l-għolja ġeblija,
Imbiegħda mill-bqija ta' ħutha
Fil-qalb ħadranija
Tal-wied,
Ix-xwejħa ħarruba,
Magħtuba
Mit-toqol tas-snin,
Qed tħares ma' dwarha
Ħa tara
Il-għaġla tan-nies għaddejjin.

...U taħseb:

Kemm huma mgħaġġlin,
Fejn huma sejrin
Għal dejjem bla sabar
Min-nieqa sal-qabar
Dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
Għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?

*Wieġeb***:**

a. Ikteb fil-qosor fuq il-kuntrast li jidher fil-poeżija bejn il-ħajja tal-ħarruba u l-ħajja tal-bniedem. (5 marki)
b. Uri liema vokabularju fl-ewwel strofa qiegħed joħloq is-sens ta' tbatija. (3 marki)
ċ. Semmi tipi ta' rima li hemm fit-tieni strofa u agħti l-eżempji. (3 marki)
d. Agħżel mistoqsija rettorika mit-tieni strofa u għid x'sens tagħti dwar il-ħajja umana. (4 marki)
e. Ikteb fil-qosor dwar il-kwalitajiet umani li l-poeta jagħti lill-ħarruba, u għid x'tip ta' metafora qiegħda tinħoloq bihom. (5 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA
## Proża
## Ir-Referenza għall-Kuntest

**Agħżel silta WAĦDA minn silta 3 jew silta 4.**

3. *Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:* **(20 marka**)

(Silta minn) ***Bank*** ta' Frans Sammut

L-iskola kienet teħtieġ bankijiet ġodda daqs il-ħobż. Li kellna kienu qdiemu, u dehrithom kienet waħda ta' dwejjaq: mibruxin, migrufin, imħażżin kif kienu. Nies li kienu qagħdu fuqhom kibru, iżżewġu u bagħtu 'l uliedhom jintasbu fuqhom minflokhom, u dawn għamlu bħalhom, u safrattant il-bankijiet qodma daqs l-għoljiet ta' madwar ir-raħal ċkejken baqgħu hekk, jistħu minn min jarahom, jistennew minn waqt għall-ieħor li xi ħadd iħenn għalihom u jaħraqhom.

Kienu tgħallmu l-materji kollha tal-iskola u saru esperti fihom. Li kellhom fomm kienu jlissnu sensiliet twal ta' tagħlimiet fuq l-ilsna mgħallmin fl-iskejjel u l-aritmetika tal-għadd u t-tnaqqis daqs l-aqwa għalliem. Iżda x'aktarx li kienu midħla l-aktar tal-varjetà kbira

tal-warrani tat-tfal li qagħdu fuqhom u saħħnuhom fix-xhur tax-xitwa u ħallewhom għal riħhom fix-xhur sajfin.

L-injamiet fejn jiktbu t-tfal ċkejknin kienu mħażżin tant li jfakkruk fil-kitbiet ġeroglifiċi tal-Eġittu tal-qedem, u ma kinitx tkun imqarrqa wisq l-idea kieku ttieħdu l-Mużew u biż-żieda ta' ftit kliem imżewwaq ta' xi gwida mdorri jaqla' minn żniedu, intwerew bħala xhieda ta' kultura qadima u minsija. [...]

*Wieġeb:*

a. Ikteb fil-qosor fuq il-valur li għandhom il-bankijiet tal-iskola f'din is-silta minħabba r-rabta tagħhom mas-sentiment uman. (5 marki)
b. Agħti eżempju ta' iperbole mill-ewwel paragrafu u semmi l-effett ta' dan il-mudell rettoriku fuq id-dehra tal-bankijiet. (3 marki)
ċ. Meta jingħad li l-bankijiet kienu "jistħu minn min jarahom, jistennew minn waqt għall-ieħor li xi ħadd iħenn għalihom u jaħraqhom," liema tip ta' metafora qiegħda tintuża, u liema suġġerimenti joħorġu minnha. (4 marki)
d. (i) Iddeskrivi l-alliterazzjoni f'din is-sentenza: "jlissnu sensiliet twal ta' tagħlimiet fuq l-ilsna mgħallmin fl-iskejjel";
   (ii) Għid x'effett għandha fuq id-deskrizzjoni tal-klassi. (3 marki)
e. Għid liema parti mill-aħħar paragrafu għandha ton ironiku, u spjega fil-qosor għaliex. (5 marki)

4. *Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:* **(20 marka)**

(Silta minn) ***Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha*** ta' Clare Azzopardi

[...] Kien ħanut imiss eżatt mad-dar. Ħanut ċkejken ħdejn dar ċkejkna. Ħanut tal-kotba jmiss ma' dar żgħira li fiha kien hemm kantina u stamperija żgħira wkoll. Kienu ilhom biss 10 xhur miżżewġin meta kellhom lil Lina. Iż-żewġ dinjiet ta' Stella u Maurice kienu miġbura kollha f'dawn il-ftit kmamar mifqugħa bil-kotba u l-manuskritti jiġru minn post għal ieħor. Stella kienet wirtet kollox mingħand missierha u żewġha kien tgħallimha malajr is-sengħa. Peress li kienet tifla unika, wara biss ftit żmien, ħadu kollox f'idejhom.

Lina trabbiet minn fuq xkaffa għal oħra. Qalb il-paġni, il-garżelli u l-ittri taċ-ċomb. Sa minn mindu kienet bil-ħarqa, ommha kienet taqralha l-poeżiji tal-poeti li kienu jippubblikaw magħhom u missierha kien iżommha f'ħoġru waqt il-laqgħat twal li kien ikollu mal-kittieba. Meta bdiet l-iskola primarja, bdiet titgħallem il-poeżiji bl-amment, u allura ma kinitx l-ewwel darba li l-laqgħat twal ta' missierha kienu jispiċċaw b'xi poeżija minn dawk li Lina tkun tgħallmet.

Imbagħad tfarfret ftit sew u ngħalqet f'dinja ta' kotba bħal skeletru magħluq f'tebut. Kliem mill-inqas, u ħadd ma jazzarda jittawwal. Tfarfret ftit iktar u bdiet tinteressaha mhux biss id-dinja ta' ġol-ktieb imma anki l-kompożizzjoni tagħha. Bla ma qatt ħadd għallimha bdiet tikkomponi l-kotba hi. Eżatt kif dejjem rat lil ommha u lil missierha. Tibnihom ittra ittra. Toħroġ l-ittri taċ-ċomb mill-garżelli tagħhom u tibni l-paġna sentenza sentenza, vers vers, kelma kelma. [...]

*Wieġeb:*

a. Ikteb fil-qosor dwar l-effetti tajbin u ħżiena li ġġib magħha t-trobbija ta' Lina f'ħanut tal-kotba. (5 marki)
b. (i) Għaliex jista' jingħad li fl-ewwel paragrafu hemm antitesi bejn id-daqs tal-ħanut u l-ammont tal-kotba u tal-manuksritti fih?
(ii) Liema kliem joħloq l-antitesi? (3 marki)
ċ. Sib similitudni mill-aħħar paragrafu u għid x'impressjoni tagħti tad-dinja tal-kotba. (4 marki)
d. Agħti eżempji ta' paralleliżmu mill-aħħar paragrafu. (3 marki)
e. Mit-tieni paragrafu, agħżel il-vokabularju li jibni d-dehra ta' stamperija u għid x'tip ta' ambjent joħloq. (5 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponimenti Letterarji**

(fuq l-antoloġija minbarra *Il-Ħarsa ta' Rużann*)

*Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment fuq kull waħda (ta' 200 kelma l-wieħed):*

**(15+15-il marka)**

a. Kemm jirnexxilhom xi kittieba juru li huma jagħmlu parti mill-ambjent uman?

b. X'importanza għandha d-deskrizzjoni bħala element letterarju f'dawn ix-xogħlijiet?

ċ Xi wħud minn dawn il-kittieba juru li d-dinja tal-lum mhijiex komda. Ikteb fuq tnejn minnhom u qabbilhom ma' xulxin.

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju**

(fuq *Il-Ħarsa ta' Rużann*)

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment fuqha (ta' 400 kelma):*

**(30 marka)**

a. Fil-bidu Mark-Antonin jgħid: "Fid-dar il-qadima tal-Imdina, l-imħabba tiegħi għal Rużann saret tfisser il-ġdid: kemm il-mera tal-ġdid u l-attwalità tiegħu fl-istess waqt." X'importanza għandha din is-silta fir-rumanz ta' Francis Ebejer?

b. Għaliex il-ħarsa ta' Rużann tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra?

**L-Eżami tal-Kitba (Il-Letteratura)**

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**IL-MALTI**
**MEJJU 2014**

# *Karta Mudell*

**It-Tieni Karta B**

**Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.**
**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi, u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## L-EWWEL TAQSIMA
### Poeżija
### Ir-Referenza għall-Kuntest

**Agħżel poeżija WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.**

*1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:* **(20 marka**)

**Aqta' Fjura u Ibni Kamra -** Immanuel Mifsud

Aqta' fjura u ibni kamra;
Aqla' siġra u tella' dar;
Imxi metru, ibni villa;
Tinkwetax...dak li sar sar.

Mur pass ieħor u ibni torri;
Itla' fl-għoli, miss is-sħab;
Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,
Kulma ħlejt kien naqra trab.

Dur mal-kosta, fittex rokna;
Arma boathouse fuq il-blat;
Anki 'l-baħar agħmel tiegħek
U ħallik mill-pixxispad.

Tagħtix kas li l-baħar tiela' –
Itla' fl-għoli anki int:
Bnejt it-torri, itla' fuqu,
Ibda gawdi dak li ħdimt.

Issa isma’ x’qed jgħidulek:
Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.
Hemm ftit metri ħdejn il-villa,
Li kont minnek nibni pool.

U jaqbillek tinsa l-baħar
Għax mid-dehra tah tal-qamar:
Tmurx fix-xemx u tmurx fid-dlam
Għax imtela tilja bram.

Aqta’ fjura u ibni kamra.
Jiena nifhem: ’tini widen;
Meta mbagħad tkun lest minn kollox,
Ħu nifs qawwi u mur indifen.

*Wieġeb*:

a. Ikteb fil-qosor dwar il-ħsarat fl-ambjent naturali li l-poeta qiegħed jipprotesta kontrihom. (5 marki)
b. Agħti dak il-vokabularju tal-poeżija li joħloq kuntrast mal-ambjent naturali. (4 marki)
ċ. Iddeskrivi r-rima tal-poeżija. (3 marki)
d. Għid liema tip ta’ vers (regolari jew ħieles) qiegħed jintuża matul il-poeżija. (3 marki)
e. X’inhu t-ton tal-poeżija, u għaliex qiegħed jintuża dan it-ton partikulari? (5 marki)

2. *Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:* **(20 marka)**

**Quo Vadis? -** Rużar Briffa

Weħidha
Fuq l-għolja ġeblija,
Imbiegħda mill-bqija ta’ ħutha
Fil-qalb ħadranija
Tal-wied,
Ix-xwejħa ħarruba,
Magħtuba
Mit-toqol tas-snin,
Qed tħares ma’ dwarha
Ħa tara
Il-għaġla tan-nies għaddejjin.

...U taħseb:
Kemm huma mgħaġġlin,
Fejn huma sejrin

Għal dejjem bla sabar
Min-nieqa sal-qabar
Dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
Għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?

*Wieġeb*:

a. Xi stampa tal-bniedem toħroġ minn din il-poeżija? (5 marki)
b. Liema vokabularju qiegħed jiddeskrivi lill-ħarruba fl-ewwel strofa? (4 marki)
ċ. Agħti eżempji tar-rima li hemm fit-tieni strofa. (3 marki)
d. Agħti żewġ eżempji ta' enjambment mill-ewwel strofa. (3 marki)
e. Fit-tieni strofa hemm il-mistoqsija "Fejn huma l-għeruq?" X'tip ta' mistoqsija hija din u x'tifsira għandha fil-poeżija? (5 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA
## Proża
## Ir-Referenza għall-Kuntest

**Agħżel silta WAĦDA minn silta 3 jew silta 4.**

3. *Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:* **(20 marka)**

(Silta minn) ***Bank*** ta' Frans Sammut

L-iskola kienet teħtieġ bankijiet ġodda daqs il-ħobż. Li kellna kienu qdiemu, u dehrithom kienet waħda ta' dwejjaq: mibruxin, migrufin, imħażżin kif kienu. Nies li kienu qagħdu fuqhom kibru, iżżewġu u bagħtu 'l uliedhom jintasbu fuqhom minflokhom, u dawn għamlu bħalhom, u safrattant il-bankijiet qodma daqs l-għoljiet ta' madwar ir-raħal ċkejken baqgħu hekk, jistħu minn min jarahom, jistennew minn waqt għall-ieħor li xi ħadd iħenn għalihom u jaħraqhom.

Kienu tgħallmu l-materji kollha tal-iskola u saru esperti fihom. Li kellhom fomm kienu jlissnu sensiliet twal ta' tagħlimiet fuq l-ilsna mgħallmin fl-iskejjel u l-aritmetika tal-għadd u t-tnaqqis daqs l-aqwa għalliem. Iżda x'aktarx li kienu midħla l-aktar tal-varjetà kbira tal-warrani tat-tfal li qagħdu fuqhom u saħħnuhom fix-xhur tax-xitwa u ħallewhom għal riħhom fix-xhur sajfin.

L-injamiet fejn jiktbu t-tfal ċkejknin kienu mħażżin tant li jfakkruk fil-kitbiet ġeroglifiċi tal-Eġittu tal-qedem, u ma kinitx tkun imqarrqa wisq l-idea kieku ttieħdu l-Mużew

u biż-żieda ta’ ftit kliem imżewwaq ta’ xi gwida mdorri jaqla’ minn żniedu, intwerew bħala xhieda ta’ kultura qadima u minsija. [...]

*Wieġeb:*

a. Ikteb fi kliemek l-argument li din is-silta qiegħda tibni dwar il-ħtieġa ta’ bidla fl-ambjent tal-iskola. (5 marki)
b. Agħti eżempji ta’ personifikazzjoni mit-tieni paragrafu, u għid liema kwalitajiet umani qegħdin jingħataw lill-bankijiet. (3 marki)
ċ. (i) Liema mudell rettoriku qiegħed jintuża fil-frażi “qodma daqs l-għoljiet ta’ madwar ir-raħal”?
(ii) X’inhu l-effett ta’ dan il-mudell rettoriku fuq id-deskrizzjoni tal-bankijiet? (4 marki)
d. Agħżel il-vokabularju li għandu x’jaqsam mal-idea ta’ kitba fl-aħħar paragrafu. (3 marki)
e. Fl-ewwel paragrafu, il-kliem “xi ħadd iħenn għalihom u jaħraqhom” hu paradossali. Spjega dan il-paradoss fi kliemek. (5 marki)

4. *Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:* **(20 marka**)

(Silta minn) ***Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha*** ta’ Clare Azzopardi

Kien ħanut imiss eżatt mad-dar. Ħanut ċkejken ħdejn dar ċkejkna. Ħanut tal-kotba jmiss ma’ dar żgħira li fiha kien hemm kantina u stamperija żgħira wkoll. Kienu ilhom biss 10 xhur miżżewġin meta kellhom lil Lina. Iż-żewġ dinjiet ta’ Stella u Maurice kienu miġbura kollha f’dawn il-ftit kmamar mifqugħa bil-kotba u l-manuskritti jiġru minn post għal ieħor. Stella kienet wirtet kollox mingħand missierha u żewġha kien tgħallimha malajr is-sengħa. Peress li kienet tifla unika, wara biss ftit żmien, ħadu kollox f’idejhom.

Lina trabbiet minn fuq xkaffa għal oħra. Qalb il-paġni, il-garżelli u l-ittri taċ-ċomb. Sa minn mindu kienet bil-ħarqa, ommha kienet taqralha l-poeżiji tal-poeti li kienu jippubblikaw magħhom u missierha kien iżommha f’ħoġru waqt il-laqgħat twal li kien ikollu mal-kittieba. Meta bdiet l-iskola primarja, bdiet titgħallem il-poeżiji bl-amment, u allura ma kinitx l-ewwel darba li l-laqgħat twal ta’ missierha kienu jispiċċaw b’xi poeżija minn dawk li Lina tkun tgħallmet.

Imbagħad tfarfret ftit sew u ngħalqet f’dinja ta’ kotba bħal skeletru magħluq f’tebut. Kliem mill-inqas, u ħadd ma jazzarda jittawwal. Tfarfret ftit iktar u bdiet tinteressaha mhux biss id-dinja ta’ ġol-ktieb imma anki l-kompożizzjoni tagħha. Bla ma qatt ħadd għallimha bdiet tikkomponi l-kotba hi. Eżatt kif dejjem rat lil ommha u lil missierha. Tibnihom ittra ittra. Toħroġ l-ittri taċ-ċomb mill-garżelli tagħhom u tibni l-paġna sentenza sentenza, vers vers, kelma kelma. […]

*Wieġeb:*

a. Ikteb fil-qosor dwar l-effetti tat-trobbija ta’ Lina f’ħanut tal-kotba. (5 marki)

b. Liema mudell figurattiv hemm fil-frażi “ngħalqet f’dinja ta’ kotba bħal skeletru magħluq f’tebut”? (3 marki)

ċ. Fl-ewwel tliet sentenzi tas-silta, ir-ripetizzjoni tagħti aktar importanza lil ċerti oġġetti milli lil oħrajn. Liema huma dawn l-oġġetti u għaliex qegħdin jiġu enfasizzati fil-bidu tas-silta? (4 marki)

d. Għid liema frażijiet qegħdin joħolqu paralleliżmu fl-aħħar żewġ sentenzi tas-silta. (3 marki)

e. (i) Agħżel il-vokabularju li jibni d-dehra tal-istamperija.
(ii) Għid fi kliemek x’tip ta’ ambjent jinbena b’dan il-vokabularju magħżul. (5 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA
**Il-Komponimenti Letterarji**
(fuq l-antoloġija minbarra *Il-Ħarsa ta’ Rużann*)

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment fuqha (200 kelma):*

**(30 marka)**

a. Semmi karattru li għoġbok u qabblu ma’ karattru ieħor li ma għoġbokx.

b. Għid kif xi wħud mill-kittieba f’din il-ġabra jippruvaw jagħmlu x-xogħol tagħhom interessanti.

## IR-RABA’ TAQSIMA
**Il-Komponiment LetterarjU**
(fuq *Il-Ħarsa ta’ Rużann*)

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment fuqha (ta’ 200 kelma):*

**(30 marka)**

a. Iddeskrivi l-karattru ta’ Rużann.

b. Fl-aħħar tar-rumanz, Luċija tgħid: “Din x’fettlilha ommi ssejjaħli Rużann?” Għaliex għamlet hekk Ġina?